MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 777/2002/1

**Easysell Kia (Malta) Ltd**

**vs**

**Joseph Pulis**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, tmien mija u sitta u sittin lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm1,866.69) rapprezentanti bilanc ta' prezz mhux imhallas fuq karozza mixtrija minghand il-kumpanija attrici, liema bilanc huwa dovut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji tat-12 ta' Settembru, 2001, u tat-30 ta' April, 2002, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-3 ta' Frar, 2003, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------